Co. Ltd (C3634), FF Limited (C44896) u Fenech Properties Ltd (C44894) ħassewhom aggravati bis-sentenza mogħtija tat-3 ta' Ottubru, 2024 billi l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kienet żbaljata fl-interpretazzjoni tagħha ta' dak li jissodisfa l-element tal-pussess, kif ukoll fl-apprezzament tal-provi li għamlet dwar dan l-istess element ta' pussess. Inoltre l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għamlet ukoll apprezzment ħażin tal-provi fir-rigward tal-element tal-infra bimestre deduxisse.

Għaldaqstant, l-appellanti jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tilqa' dan l-appell, u tirriforma s-sentenza billi, tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata tat-3 ta' Ottubru, 2024 fil-kawza fl-ismijiet premessi safejn ċaħdet it-talbiet tal-atturi għar-raġunijiet imsemmija u, minflok, tgħaddi biex tilqa' t-talbiet tal-atturi, u/jew terga' tirrinvija l-atti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex jitkompla s-smigħ tagħha dwar l-element "spoliatum fuisse", filwaqt illi tagħti dawk l-ordnijiet u direzzjonijiet kollha li l-Qorti jidhrilha xierqa u ġusti, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-intimat appellat.

Notifika: Malcolm Cutajar: 74, L'Etoile, Triq Tonin Attard, Marsaxlokk

Reġistru tal-Qrati tal-Appell (Superjuri), illum 22 ta' April, 2025.

DOTT. FRANCO BONDIN LLD, M.JUR.,
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Ltd (C3634), FF Limited (C44896) and Fenech Properties Ltd (C44894) felt aggrieved by the judgment given on the 3rd October 2024 since the First Hall Civil Court was wrong in its interpretation of what satisfies the element of possession, as well as in the evaluation of the evidence it made regarding this same element of possession. Furthermore the First Hall Civil Court also made a wrong evaluation of the evidence as regards the element of infra bimestre deduxisse.

Therefore, the appellants respectfully request this Honourable Court to uphold this appeal, and reform the judgment by cancelling and revoking the appealed judgement dated 3rd October, 2024 in the cause in the names premised in so far as it dismissed the demands of the plaintiffs for the reasons mentioned and, instead, pass on to uphold the demands of the plaintiffs, and/or refer the records back to the First Hall Civil Court in order to continue the hearing regarding the element of spoliatum fuisse, whilst giving all those orders and directions that the Court deems fit and just, with costs of both instances against the respondent.

Notification: Malcolm Cutajar: 74, L'Etoile, Triq Tonin Attard, Marsaxlokk

Registry of the Courts of Appeal (Superior Jurisdiction), this day, 22nd April, 2025.

DR. FRANCO BONDIN LLD, M.JUR.,
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1132

B'digriet mogħti, mill-Qorti tal-Appell, Sede Superjuri, fis-7 ta' April, 2025, fl-atti tar-Rikors numru 1151/2019 fl-ismijiet Angela sive Angele Scerri (KI 208665M) vs L-Avukat Dr. Joseph M. Sammut (KI 430083M) u martu Sonia-Catherine Sammut (KI 766261M), ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Joseph M. Sammut u martu Sonia-Catherine Sammut a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz tar-Rikors tal-Appell Nru. 1151/2019 ippreżentat fit-23 ta' Diċembru, 2024 l-appellanta Angela sive Angele Scerri ħassitha aggravata bis-sentenza appellata moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Novembru, 2024 u ssollevat l-aggravji li: l-Ewwel Qorti żbaljat meta ma applikatx l-artikolu 629(a) tal-Kap. 12, u ħtieġet prova ulterjuri tal-fatti li jirrizultaw mill-fajl mediku ta' Giovanna Grixti miżmum mill-isptar San Vincenz De Paule; l-Ewwel Qorti naqset ukoll meta qieset li l-esponenti kellha obbligu tagixxi b'mod differenti milli twettaq il-mandat kif moghti lilha minn Giovanna Grixti għar-rigward tal-kuntratt pubblikat fis-6 ta' Diċembru, 2017, u l-apprezzament legali li għamlet l-Ewwel Qorti dwar il-vizju tal-kunsensi mogħtija minn Giovanna Grixti bil-qerq u l-vjolenza kienu żbaljati fiċ-

By means of a decree delivered by the Court of Appeal, Superior Jurisdiction, on the 7th April, 2025, in the records of Application Number 1151/2019 in the names Angela sive Angele Scerri (ID 208665M) vs Advocate Dr Joseph M. Sammut (ID 430083M) and his wife Sonia-Catherine Sammut (ID 766261M), the following publication was ordered for the purpose of effecting service on Joseph M. Sammut and his wife Sonia-Catherine Sammut in terms of section 187 (3) et sequitur of Cap 12.

By means of Appeal Application No. 1151/2019 filed on the 23rd December, 2024 the appellant Angela sive Angele Scerri felt aggrieved by the appealed judgment given by the First Hall Civil Court on the 28th November, 2024 on the grounds that: the Court of First Instance erred when it did not apply section 629 (a) of Cap 12, and required further evidence of the facts resulting from Giovanna Grixti's medical file held at San Vincenz De Paule Hospital; the Court of First Instance also failed when it considered that the exponent had an obligation to act differently from carrying out the mandate given to her by Giovanna Grixti as regards the contract published on the 6th December, 2017, and the legal evaluation made by the Court of First Instance regarding the defective consents given by Giovanna Grixti

ċirkostanzi ta' fatti li rriżultaw, u li sfortunatament l-Ewwel Qorti ma qisithomx fil-kumpless tagħhom.

Għaldaqstant, filwaqt li tagħmel riferenza sħiħa għall-provi ta' prodotti u għas-sottomissjonijet kollha magħmula minnha quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u tirriserva li tagħmel l-osservazzjonijiet u tressaq il-provi l-oħra kollha permissibbli skont il-liġi, l-esponenti titlob bir-rispett li din il-Qorti jogħġobha tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata fl-ismijiet premessi mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Novembru, 2024 inkwantu laqgħet il-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut appellat u ċaħdet it-talbiet tal-esponenti bl-ispejjeż u minflok tiċħad il-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut appellat u tilqa' t-talbiet tal-esponenti. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut appellat.

Notifika: Av. Joseph M. Sammut, 'The Berries', Triq Ta' Ciantar, iż-Żurrieq jew Av. Joseph M . Sammut, Il-Qorti. Valletta u Sonia-Catherine Sammut, 'The Berries', Triq Ta' Ciantar, iż-Żurrieq.

Reġistru tal-Qrati tal-Appell (Superjuri) , illum 29 ta' April, 2025

DOTT. FRANCO BONDIN LLD, M.JUR.,
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

by deceit and violence was erroneous in the circumstances of the facts which resulted, and unfortunately the Court of First Instance did not consider them as a whole.

Therefore, whilst making full reference to the evidence already produced and to all the submissions made by her before the First Hall Civil Court and reserving to make observations and bring forward all the other evidence permissible according to law, the appellant respectfully requests that this Court cancels and revokes the appealed judgment in the names premised delivered by the First Hall Civil Court on the 28th November, 2024 in so far as it upheld the remaining pleas of the respondent defendants and dismissed the appellant's claims with costs and instead dismiss the rest of the respondent defendants' pleas and uphold the appellant's claims. With costs of both instances against the respondent defendants.

Notification: Adv. Joseph M. Sammut, 'The Berries', Ta' Ciantar, Żurrieq or Adv. Joseph M. Sammut, The Courts, Valletta and Sonia-Catherine Sammut, 'The Berries', Triq Ta' Ciantar, Żurrieq.

Registry of the Courts of Appeal (Superior Jurisdiction), this day 29th April, 2025

DR. FRANCO BONDIN LLD, M.JUR.,
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1133

B'digriet mogħti mill-Qorti tal-Appell, Sede Superjuri, fl-24 ta' Frar, 2025, fl-atti tar-Rikors numru 809/2019 fl-ismijiet Colin Sammut (KI 587577M) et vs Jesmond Micallef (KI 337166M) et ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Jason Gatt (KI 513676M) a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz tar-Rikors tal-Appell Nru 809/2019, l-appellanti Colin Sammut (KI 587577M) u Annabelle Sammut (KI 184178M) ħassewhom aggravati bis-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Ċivili mogħtija fid-29 ta' Novembru, 2024 bl-aggravji li l-ewwel qorti applikat b'mod skorrett il-liġi meta ddikjarat bħala improponibbli l-azzjoni attriċi għaliex l-appaltant għandu dritt mingħajr il-bżonn li jagħti raġuni, jittermina l-appalt ad nutum b'mod unilaterali. Dik il-qorti applikat ħażin ukoll il-provi billi naqset milli tapprezza b'mod oġġettiv il-provi miġjuba quddiemha u b'hekk ġiet ippreġudikata b'mod serju l-azzjoni attriċi.

Għaldaqstant, l-appellanti jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex filwaqt li tilqa' dan l-appella u l-aggravji mressqin, tħassar u tirrevoka s-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Ċivili mogħtija fid-29 ta' Novembru, 2024 b'mod partikolari dik il-parti tas-sentenza fejn l-Ewwel Qorti ċaħdet it-talbiet tal-

By means of a decree delivered by the Court of Appeal, Superior Jurisdiction, on the 24th February, 2025, in the records of Application Number 809/2019 in the names Colin Sammut (ID 587577M) et vs Jesmond Micallef (ID 337166M) et the following publication was ordered for the purpose of effecting service to Jason Gatt (ID 513676M) in terms of section 187(3) et sequitur of Cap 12.

By means of Appeal Application No 809/2019 the appellants Colin Sammut (ID 587577M) and Annabelle Sammut (ID 184178M) felt aggrieved by the judgment of the First Hall Civil Court given on the 29th November, 2024 on the grounds that the Court of First Instance incorrectly applied the law when it declared the plaintiffs' action inadmissible because the contractor has the right, without the need to give a reason, to terminate unilaterally the contract ad nutum. That court also misapplied the evidence by failing to evaluate it objectively and thus seriously prejudiced the plaintiffs' action.

Therefore, the appellants request this Honourable Court so that whilst upholding this appeal and the submitted grounds, it cancels and revokes the judgment of the First Hall Civil Court given on the 29th November, 2024 in particular that part of the judgment whereby the Court of First Instance

appellanti salv dak li jidhrilha xieraq u opportun din il-qorti fiċ-ċirkostanzi.

Notifika: Jason Gatt, 16 Carson, Triq Sir Ugo Mifsud, Hal Luqa.

Reġistru tal-Qrati tal-Appell (Superjuri), illum 22 ta' April, 2025.

DOTT. FRANCO BONDIN LLD, M.JUR.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

dismissed the appellants' claims saving what it deems fit and opportune in the circumstances.

Notification: Jason Gatt, 16 Carson, Triq Sir Ugo Mifsud, Ħal Luqa.

Registry of the Courts of Appeal (Superior Jurisdiction), this day, 22nd April, 2025.

DR. FRANCO BONDIN LLD, M.JUR.,
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1134

B'digriet mogħti, mill-Qorti tal-Appell, Sede Superjuri, fil-5 ta' Marzu, 2025, fl-atti tar-Rikors numru 597/2017 fl-ismijiet Davorin Stefanovic vs Mohib sive Michael Abouzidan, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Davorin Stefanovic a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz ta' risposta tal-appell u appell inċidentali fl-att tar-Rikors tal-Appell Nru. 597/2017 ippreżentati fit-13 ta' Novembru 2024 insegwitu għal rikors tal-appell intavolat minn Davorin Stefanovic wara sentenza tal-ewwel Qorti tal-24 ta' Ġunju, 2024, Mohib sive Michael Abouzidan (KI347204L) iwieġeb li s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma għajr dik il-parti (it-tielet talba attriċi) fejn il-Qorti sabet li kien hemm diskrepanza fil-fond in vendita u l-komputazzjoni tad-danni akkordati lil Davorin Stefanovic f'dak ir-rigward. L-appell incidentali tal-esponenti b'hekk jolqot dawk ż-żewg elementi.

L-esponenti appellat jipprevalixxi ruħu mill-appell prinċipali imressaq minn Davorin Stefanovic kif imsemmi, u bil-preżenti iressaq Appell Incidentali mis-sentenza appellata fl-ismijiet premessi mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Ġunju, 2024 u dana inkwantu biss fejn l-Ewwel Qorti laqgħet it-tielet talba ta' Davorin Stefanovic koncernanti l-għoli tad-duplex penthouse mertu tal-konvenju. L-esponenti qiegħed iressaq żewġ aggravji fir-rigward: 1. Il-kontendenti qatt ma ftiehmu fuq l-għoli intern tal-propijetà li kellha tiġi ttrasferita lill-kompratur, u li l-proprjeta' hija konformi minn dak l-aspett. 2. Hemm żball kommess mill-ewwel Qorti fil-komputazzjoni tal-kumpens akkordat mill-ewwel qorti lill-Davorin Stefanovic għall-allegata avarija fil-kubagg tal-immobbli mertu tal-kovenju.

Għaldaqstant, l-esponenti jitlob li din l-Onorabbli Qorti tiċħad l-appell prinċipali ta' Davorin Stefanovic u tikkonferma l-partijiet tas-sentenza appellata fejn ntlaqgħet l-ewwel talba attriċi u ġew miċħudin it-tieni, ir-raba', il-ħames u s-sitt talba attriċi u li din l-Onorabbli Qorti tilqa' l-appell inċidentali tal-esponenti u għalhekk tirriforma

By means of a decree delivered by the Court of Appeal, Superior Jurisdiction, on the 5th March, 2025, in the records of Application Number 597/2017 in the names Davorin Stefanovic vs Mohib sive Michael Abouzidan, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on Davorin Stefanovic in terms of section 187(3) et sequitur of Cap 12.

In virtue of a Reply to the appeal and a cross-appeal in the records of Appeal Application No. 597/2017 filed on 13 November 2024 following an appeal brought by Davorin Stefanovic after a judgment by the Court of First Instance dated 24th June, 2024, Mohib sive Michael Abouzidan (ID347204L) replies that the appealed judgment is just and merits confirmation except that part (third claim by the plaintiff) wherein the Court found that there was a discrepancy in the premises on sale and the computation of damages granted to Davorin Stefanovic in that regard. The exponent's cross-appeal thus affects those two elements.

The respondent exponent avails himself of the principal appeal brought forward by Davorin Stefanovic as mentioned, and by the present submits a cross-appeal against the appealed judgment in the names premised delivered by the First Hall Civil Court on the 27th June, 2024 and this only in so far as where the Court of First Instance upheld the third claim by Davorin Stefanovic regarding the height of the duplex penthouse merits of the preliminary agreement. The exponent submits two grounds of appeal: 1. The parties never agreed on the internal height of the property which had to be transferred to the purchaser, and that the property is in conformity from that aspect. 2. There is a mistake committed by the Court of First Instance in the computation of the compensation granted by the Court to Davorin Stefanovic for the alleged cubage of the immovable property merits of the preliminary agreement.

Therefore, the exponent requests that this Honourable Court dismisses the principal appeal by Davorin Stefanovic and confirms the parts of the appealed judgment whereby the first demand by the plaintiff was upheld and the second, fourth, fifth and sixth claims by the plaintiff were dismissed and that this Honourable Court upholds the exponent's cross-

l-bqija tas-sentenza appellata billi tħassarha fejn laqgħet it-tielet talba attriċi jewinkella fin-nuqqas tvarjaha sabiex minflok danni fl-ammont ta' Eur 19,098 takkorda lil Davorin Stefanovic s-somma ta' Eur 10,050 bl-ispejjeż kollha kontra l-appellant Davorin Stefanovic.

Notifika: Davorin Stefanovic 20, Flat 2, Triq Santa Agata, Tas-Sliema.

Reġistru tal-Qrati tal-Appell (Superjuri), illum 30 ta' April, 2025

DOTT. FRANCO BONDIN LLD, M.JUR.,
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

appeal and thus reforms the rest of the appealed judgment by cancelling it where it upheld the third claim by the plaintiff or alternatively vary it so that instead of damages in the amount of Eur 19,098 award Davorin Stefanovic the sum of Eur 10,050 with all costs against the appellant Davorin Stefanovic.

Notification: Davorin Stefanovic 20, Flat 2, Triq Santa Agata, Tas-Sliema.

Registry of the Courts of Appeal (Superior jurisdiction), this day, 30th April, 2025

DR. FRANCO BONDIN LLD, M.JUR.,
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1135

B'digriet mogħti mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fis-26 ta' Marzu, 2025, fl-atti tar-Rikors numru 2/2025 fl-ismijiet Christine Bianco nee' Amato (KI 545089M) vs Horace Bianco (KI 007483M) ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-imsemmi Horace Bianco, a tenur tal-artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

llli ż-żwieġ bejn il-partijiet ċċelebrat fit-30 ta' Awwissu, 2008 ġie ddikjarat null b'sentenza mogħtija mit-Tribunal Metropolitan tal-Arċidjoċesi ta' Malta deċiża fid-29 ta' Awwissu, 2023 (Prot. Nru 23.021). L-intimat Horace Bianco appella din id-deċiżjoni, liema appell ġie miċħud fl-intier tiegħu permezz ta' deċiżjoni datata 18 ta' Novembru, 2024 mit-Tribunal Reġjonali tat-Tieni Istanza u reża eżekuttiva permezz ta' digriet tal-istess data. llli ma hemmx sentenza kontrarja minn ebda Qorti ta' Malta u r-rikorrenti tixtieq tirrendi din is-sentenza eżekuttiva skont l-Artikolu 24 tal-Kap 255 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għaldaqstant l-esponenti titlob bi-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħobha tiddikjara d-deċiżjoni tad-29 ta' Awwissu, 2023, kif ikkonfermata mit-Tribunal Reġjonali tat-Tieni Istanza, eżegwibbli f'Malta u tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jirreġistra d-deċiżjoni tat-Tribunal tat-Tieni Istanza tat-18 ta' Novembru, 2024 (Prot. Nru 23.021) fejn ġie ddikjarat b'mod definittiv null iż-żwieġ iċċelebrat bejn il-partijiet msemmija fit-30 ta' Awwissu, 2008.

Notifika: Horace Bianco, 28 Averyl Court, Apt 2, Ħad-Dingli.

Reġistru tal-Qrati Superjuri (Appelli) illum, 22 ta' April, 2025.

DOTT. FRANCO BONDIN LLD, M.JUR.,
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree delivered by the Court of Appeal (Superior Jurisdiction) on the 26th March, 2025, in the records of Application Number 2/2025 in the names Christine Bianco nee' Amato (ID 545089M) vs Horace Bianco (ID 007483M) the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the said Horace Bianco, in terms of section 187(3) et sequitur of Cap 12 of the Laws of Malta.

Whereas the marriage between the parties celebrated on the 30th August, 2008 was declared null by a judgment given by the Metropolitan Tribunal of the Archdiocese of Malta decided on the 29th August, 2023 (Prot. No 23.021). The respondent Horace Bianco appealed this decision and this appeal was dismissed in its entirety by means of a decision dated 18th November, 2024 by the Regional Tribunal of Second Instance and rendered executory by means of a decree of the same date. There is no judgment to the contrary by any Court of Malta and the applicant wishes to render this judgment executory according to section 24 of Cap 255 of the Laws of Malta.

Therefore the applicant respectfully requests this Honourable Court to declare the decision of the 29th August 2023, as confirmed by the Regional Tribunal of Second Instance executory in Malta and order the Director Public Registry to register the decision of the Tribunal of Second Instance dated 18th November, 2024 (Prot. No 23.021) wherein the marriage celebrated on the 30 August, 2008 between the parties mentioned was definitively declared null.

Notification: Horace Bianco, 28 Averyl Court, Apt 2, Ħad-Dingli.

Registry of the Superior Courts (Appeals) this day, 22nd April, 2025.

DR. FRANCO BONDIN LLD, M.JUR.,
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1136

Permezz ta' digriet mogħti fis-6 ta' Frar, 2025, il-Bord li Jirregola l-Kera ordna il-publikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12) fil-konfront ta' Debattista Development Limited.

Permezz ta' rikors ta' Southern Style Company Limited (C45858) fl-atti tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 528/2024 fl-ismijiet Debattista Developments Limited vs Southern Style Company Limited (C45858) ippreżentat fis-6 ta' Mejju, 2024 fil-Bord Li Jirregola l-Kera, fejn l-istess Southern Style Company Limited (C45858) talbet bir-rispett lil dan l-Onorabbli Board sabiex:

1. Prevja kwalsijasi dikjarazzjoni oħra talvolta meħtiega u necessarja, tiddikjara illi jezistu ragunijiet validi skont il-ligi a tenur ta' paragrafi (d) u/jew (f) tal-artikolu 836(1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta għar-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju 528/2024;

2. Konsegwentement tordna r-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju 528/2024 a bbazi tar-ragunijuiet stabbiliti fil-paragrafi (d) u/jew (f) tal-artikolu 836(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Tiddikjara illi jezistu ragunijiet validi skont il-ligi għall-applikazzjonit al-penali kontemplata fl-artikolu 836(8) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta abbazi tal-paragrafi (b) u/jew (d) tal-imsemmi provvedimenti tal-ligi.

4. Konsegwentement tikkundanna lis-sekwestranti sabiex, a tenur tal-imsemmi artikolu 836(8) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' malta, sabiex iħallsu lill-esponenti penali ta' mhux inqas minn €1,164.49 u mhux iktar minn €6,988.82.

5. Tiddikjara illi l-esponenti rnexxielha tipprova kawzsa gusta sabiex jigu applikati fil-konfront tas-sekwestranti l-estremi tal-artikolu 838A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta; u

6. Tapplika fil-konfront tas-sekewstranti -provvedimenti tal-artikolu 838A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u konsegwentment tordnala sabiex tagħti garanzija xierqa għall-ħlas tal-penali li tista' tigi mposta u ta' danni u imgħax.

Bl-ispejjez kollha kontra s-sekwestranti.

Fil-Bord li Jirregola l-Kera,

Magistrat Dr Joseph Gatt LLD.

Il-Bord,
Reġa' ra ir-rikors tas-6 ta' Mejju, 2024,

By means of a decree of the 6th February, 2025, the Rent Regulation Board ordered the publication of the following extract for the purpose of effecting service on Debattista Development Limited in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap 12).

By means of an application for revocation filed by Southern Style Company Limited (C45858) in the records of the garnishee order number 528/2024 in the names Debattista Developments Limited vs Southern Style Company Limited (C 45858) filed on the 6th May, 2024, whereby the same Souther Style Company Limited (C 45858) requested this Honourable Rent Regulation Board such that:

1. Saving any other declaration that may be necessary and needed, it declares that there exist valid reasons according to law in terms of paragraphs (d) and/or (f) of Article 836 (1) of Chapter 12 of the Laws of Malta for the revocation of the precautionary garnishee order 528/2024;

2. It consequently orders the revocation of the precautionary garnishee order 528/2024 on the grounds set out in paragraphs (d) and/or (f) of Article 836 (1) of Chapter 12 of the Laws of Malta;

3. It declares that there exist valid reasons according to law for the application of the penalty contemplated in Article 836 (8) of Chapter 12 of the Laws of Malta on the basis of paragraphs (b) and/or (d) of the said provisions of law.

4. It consequently orders the creditor suing out the garnishee order so that, in terms of the said Article 836 (8) of Chapter 12 of the Laws of Malta, it pays the applicant a penalty of not less than €1,164.49 and not more than €6,988.82.

5. It declares that the applicant has shown a just cause such that the consequences set out in Article 838A of Chapter 12 of the Laws of Malta are applied against the creditors; and

6. It applies against the creditor suing out the garnishee order the provisions of Article 838A of Chapter 12 of the Laws of Malta and consequently order it to give adequate security for the payment of the penalty which may be imposed and of damages and interest.

With all costs against the creditor.

In the Rent Regulation Board

Magistrate Dr Joseph Gatt LLD.

The Board,
Saw the application of the 6th May, 2024,

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet pprezentata mis-socjeta rikorrenti;

Ra l-atti kollha;

Jordna n-notifika tal-atti lis-socjetà Debattista Development Limited sabiex din fi zmien sebat ijiem min-notifika, tippreżenta nota li jkun fiha s-sottomissjonijiet kollha li tixtieq tagħmel flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu t-talba li tkun trid tippreżenta.

Jirriserva li jekk ikun il-każ, jappunta r-rikors għas-smigħ a tenujr tal-artikolu 836(4) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li jkun ra n-not tas-socjetà Debattista Development Limited.

Illum, 18 ta' Lulju, 2024

Notifika: Debattista Development Ltd, Offie, Entrance 4, Luqa Road, Ħal Luqa.

Esponenti: 51, Iris, Triq il-Kanonku Bonnici, il-Ħamrun.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 2 ta' Mejju, 2025.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Saw the note of submission filed by the applicant company;

Saw all the act;

Orders its notification to the company Debattista Development Limited which has seven (7) days within which to file a note which holds all the submissions that it wishes to make together with all the documents to sustain the requestes filed.

Reserving, if the case may be to appoint the application for hearing in terms of Article 836(4) of Chapter 12 of the Laws of Mlata, after seeing the note of the company Debattista Development Limited.

Today, 18th July, 2024.

Notification: Debattista Development Ltd – Offie, Entrance 4, Valletta Road, Ħal Luqa.

Applicant: 51, Iris, Triq il-Kanonku Bonnici, Ħamrun.

Registry of the Superior Courts, today, 2nd May, 2025.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1137

Permezz ta' digriet mogħti fil-21 ta' Marzu, 2025, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Mohammed Shahmani vs Abd Elrahman El Saudi Rikors Nru 36/2025JG, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Abd Elrahman El Saudi a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Mohammed Shahmani (KI 0149267A) vs Abd Elrahman El Saudi (KI 0154301A) pprezentat fil-Bord li Jirregola l-Kera, fit-12 ta' Frar, 2025, ir-rikorrenti Mohammed Shahmani (KI 0149267A) talab lil dan l-Onorabbli Bord għaliex m'għandux:

1. Jiddikjara li l-intimat kiser il-kondizzjonijiet stipulati fil-kuntratt ta' kirja ffirmat bejn il-partijiet u datat 21 ta' Novembru, 2024;

2. Jiddikjara li l-kuntratt ta' kera bejn il-partijiet intemm;

3. Jawtorizza lir-rikorrenti jirriprendi l-pussess tal-fond 24B, Hillside Flats, Flat 4, Triq Schreiber, Raħal Ġdid u jordna lill-konvenut sabiex jizgumbra mill-fond u jrodd il-pussess battal tal-fond u dan fi żmien qasir u perentorju prefiss jminn dan l-Onorabbli Bord;

By means of a decree of the 21st March, 2025 of the Rent Regulation Board, in the records of the Application in the names Mohyammed Shahmani vs Abd Elrahman El Saudi, Application Number 36/2025JG, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Abd Elrahman El Saudi in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap 12)

By means of an application in the names Mohammed Shahman (ID 0149267M) vs Abd Elorahman El Saudi (KI 0154301A) filed in the Rent Regulation Board, on the 12th February 2025, the applicant Mohammed Shahman (ID 0149267A) requested this Honourable Board to:

1. Declare that the respondent breached the conditions stipulated in the lease agreement signed between the parties and dated 21st November, 2024;

2. Declare that the lease agreement between the parties has been terminated;

3. Authorise the applicant to take back possession of the premises 24B, Hillside Flats, Flat 4, Triq Schreiber, Raħal Ġdid and order the defendant to vacate the premises and return the vacant possession of the premises and this within a short and peremptory time fixed by this Honourable Board;

4. Jordna lill-konvenut sabiex iħallas l-arretrati kollha tal-kera dovuta minnhom sal-aħħar ġurnata li fiha jdum jokkupa l-fond.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut u bl-imgħaxijiet legali u bil-konvenut li huwa minn issa ngunt għas-subizzjoni.

Rikorrenti: 24B, Hillside Flats, Flat 1, Triq Schreiber, Raħal Ġdid

Notifika intimat: 24B, Hillside Flats, Flat 4, Triq Schreiber, Raħal Ġdid

Ir-rikors fl-ismijiet Mohammed Shahmani vs Abd Elrahman El Saudi, rikors numru 36/2025JG jinsab differit għat-13 ta' Mejju, 2025 fis-1.10 p.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum, 2 ta' Mejju, 2025.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

4. Order the defendant to pay all the arrears of rent due by them till the last day he occupies the premises.

With costs against the defendant and legal interest and with the defendant who is from now summoned so that a reference to his oath be made.

Applicant: 24B, Hillside Flats, Flat 1, Triq Schreiber, Raħal Ġdid

Notification respondent: 24B, Hillside Flats, Flat 4, Triq Schreiber, Raħal Ġdid

The application in the names Mohammed Shahmani vs Abd Elrahman El Saudi, Application Number 36/2025JG has been postponed for hearing to the 13th May, 2025 at 1.10 p.m.

Registry of the Superior Courts, today, 2nd May, 2025.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1138

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla fid-29 t'April 2025 fuq rikors ta' Bank of Valletta plc bin-numru tar-reġistrazzjoni C2833 ġie iffissat il-jum tat-Tlieta, 7 t'Ottubru 2025 fil-ħdax u nofs ta' filgħodu (11:30 am) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu jsir f'Kamra numru 78 biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta tal-fond hawn taħt deskritt.

L-appartament internament immarkat bin-numru erbgħa (4) sitwat fis-second floor level u cioè fit-tielet sular mit-triq formanti parti minn blokk ta' appartamenti bla numru uffiċjali bl-isem ta' 'Alisa' fi Triq Lorry Sant ġja Triq ġdida bla isem illi tagħti għal Triq Cospicua, il-Fgura u jikkonfina mat-Tramuntana ma' Triq Lorry Sant, mill-Lvant ma' proprjetà ta' F.J.A. Limited jew l-aventi kawża tagħha u mill-Punent in parti mal-aventi kawża ta' Jolmar u Carcam Limited u in parti mal-istess Triq Lorry Sant jew irjieħ verjuri, aċċessibbli minn taraġ komuni bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha, hekk kif suġġett u jgawdi s-servitujiet attivi u passivi naxxenti mill-pożizzjoni tiegħu, inkluż is-sehem indiviż 'pro rata' mill-partijiet komuni flimkien mal-proprjetarji l-oħra tal-istess blokk, tal-entratura, tat-taraġ, indani, drains u drainage system, lift shaft u dawk is-servizzi u l-partijiet kollha l-oħra intizi ghall-użu komuni, eskluża l-arja inkluż pero' id-dritt ta' użu ta' dik il-parti tal-bejt sovraposta għall-istess apartament flimkien mas-sidien l-oħra tal-flats fl-istess blokk, kif ukoll id-dritt ta' installazzjoni ta' tank tal-ilma ta' seba' mija u ħamsin litru (750l) u televixin aerial u/jew satellite dish ta' mhux aktar minn wieħed punt wieħed metru (1.1 m) diametru fuq il-bejt tal-blokk, f'post indikat u bid-dritt t'aċċess għall-istess bejt f'każ ta' ħsara u manutenzjoni

By decree given by the Civil Court, First Hall on 29th April, 2025 on the application of Bank of Valletta plc with the registration number C2833, Tuesday, 7th October, 2025 at half past eleven (11:30 a.m.), has been fixed for the Sale by Auction to be held in Room number 78 nearby the Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Belt Valletta of the following property.

The apartment internally marked number four (4) situated on the second floor and on the third floor from the street level, forming part from the block of apartments officially unnumbered named' 'Alisa' in Triq Lorry Sant previously unnamed New street leading to Triq Cospicua, Fgura and bounded on the North by Triq Lorry Sant, on the East by property of F.J.A. Limited or their successors in title and on the West in part by the successors in title of Jolmar and Carcam Limited and in part by the said Triq Lorry Sant or other correct boundaries, accessible by a common stairs with all its rights and appurtenances, as subject to enjoying the active and passive servitudes arising from its position, including the undivided pro rate share of the common parts together with the other owners of the same block, of the entrance, stairs, hallways, drains and drainage system, lift shaft and all those services and all other parts intended for the common use, excluding the airspace however including the right to use that part of the roof overlying the apartment together with the other owners of the flats in the same block, as well as the right to install a water tank of seven hundred and fifty litres (750l) and an aerial television and/or satellite dish not more than one point one meter (1.1 m) diameter on the roof of the block, in an indicated place and with the right

ta' dawn is-servizzi f'hinjiet raġonevoli u dana kif deskritt aħjar fl-atti tan-Nutar Patricia Hall datat t-tlettax ta' Lulju tas-sena elfejn u ħamsa (13.07.2005) u stmat li jiswa tlett mitt elf ewro (€300,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Simon Tabone KI 199779M.

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 8/2023.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum Il-Ġimgħa, 2 ta' Mejju, 2025.

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

of access to the same roof in case of damage and maintenance of these services within reasonable times and this as better described in the acts of Notary Patricia Hall dated thirteenth of July of the year two thousand and five (13.07.2005) and valued at three hundred thousand euro (€300,000).

The said tenement is the property of Simon Tabone ID 199779M.

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 8/2023.

Registry of the Superior Courts, this Friday, 2nd May, 2025.

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1139

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxal tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti , fit-13 ta' Frar, 2025, fuq talba ta' Lorraine Zarb gie ordnat sabiex jintgħażlu kuraturi deputati sabiex jirrapreżentaw lill-assenti Etienne Baldacchino, fl-atti tar-Rikors Guramentat 2/2025AGV fl-ismijiet Lorraine Zarb vs kuraturi deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' rikors guramentat fl-ismijiet Lorraine Zarb (KI 477092M) vs kuraturi deputati in rapprezentanza tal-assenti Etienne Baldacchino (KI 415786M) fl-atti tar-Rikors Guramentat numru 2/2025AGV, pprezentat fil-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja), fl-14 ta' Jannar 2025, fejn Lorraine Zarb (KI 477092M) talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tordna illi t-tfal minuri għandhom jirrisjedu flimkien mal-attrici ommhom;

2. Tordna illi l-kura u kustodja u l-awtorita tal-genitur tat-tfal minuri – omissis – tigi fdata lill-attrici, li għandha tieħu d-decizjonijiet kollha li għandhom x'jaqsmu mat-tfal minuri mingħajr il-ħtiega tal-kunsens jew approvazjoni tal-intimat.

Rikorrenti: 2, Alley 1, Darnino Square, in-Naxxar.

Intimati: kuraturi deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u sejjaħ b' dan

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

By means of a decree given by this Court, on the 13th February, 2025, following a request of Lorraine Zarb it was ordered that deputy curators be chosen to represent the absent Etienne Baldacchino, in the records of the Sworn Application 2/2025AGV, in the names Lorraine Zarb vs deputy curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of a Sworn application in the names Lorraine Zarb (ID 477092M) vs deputy curators to represent the absent Etienne Baldacchino (ID 415786M), in the records of the Sworn Application bearing reference 2/2025AGV, filed in the Civil Court (Family Section), on the 14th January 2025, the applicant Lorraine Zarb (ID 477092M) requested this Honourable Court so that it:

1. Orders that the minor children are to reside together with their mother the applicant;

2. Orders that the care and custody and the authority as a parent of the minor children – omissis – be entrusted to the plaintiff, who shall take all decisions relating to the minor children without the need of the consent or approval of the respondent.

Applicant: 2, Alley 1, Darnino Square, Naxxar.

Notification : deputy curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon

lil kull min irid jidhol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f' dan ir-Reġistru u jagħmel b' nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidhol ghal dan.

Int ordnat ukoll li tgharraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel Kuraturi tal-Uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dana, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), hawn fuq imsemmija bix-xhieda ta' Onor Imħallef Giovanni Grixti, LLD, Duttur tal-Ligi.

Illum, 25 ta' Frar, 2025.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja), illum, 2 ta' Mejju 2025.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali.

whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of Curators of Office.

And after so acting or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court (Family Section), above mentioned, with the witness of the Hon. Mr Justice Giovanni Grixti LLD, Doctor of Laws.

Today, 25th February, 2025.

Registry of the Civil Court (Family Section), today, 2nd May, 2025.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals.

1140

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxal tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti, fit-8 ta' April, 2025, fuq talba ta' Carl Johan Isak Olsen ġie ordnat sabiex jintgħażlu kuraturi deputati sabiex jirrapreżentaw lill-assenti Eva Johanna Hjort, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat 173/2025AL fl-ismijiet Carl Johan Isak Olsen vs kuraturi deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' rikors ġuramentat fl-ismijiet Carl Johan Isak Olsen (Passaport Svediz Nru AA3555736) vs kuraturi deputati in rappreżentanza tal-assenti Eva Johanna Hjort (KI 164955A) fl-atti tar-Rikors Guramentat numru 173/2025AL, ippreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), fl-4 ta' April, 2025, fejn Carl Johan Isak Olsen (Passaport Svediż Nru AA3555736) talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tippronunzja l-ħall taz-zwieg ta' bejn il-partijiet u;

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex fi żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti javża lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-ħall taż-żwieg tal-partijiet biex dan jigi reġistrat fir-Registru Pubbliku.

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

By means of a decree given by this Court, on the 8th April, 2025, following a request of Carl Johan Isak Olsen it was ordered that deputy curators be chosen to represent the absent Eva Johanna Hjort, in the records of the Sworn Application 173/2025AL, in the names Carl Johan Isak Olsen vs deputy curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of a Sworn application in the names Carl Johan Isak Olsen (Swedish Passport no AA3555736) vs deputy curators to represent the absent Eva Johanna Hjort (ID 164955A), in the records of the Sworn Application bearing reference 173/2025AL, filed in the Civil Court (Family Section), on the 4th April, 2025, the applicant Carl Johan Isak Olsen (Swedish Passport no AA3555736) requested this Honourable Court so that it:

1.Pronounce the dissolution of the marriage between the parties and;

2.Order the Registrar of Courts so that within the time specified by this Court, notify the Director of Public Registry regarding the dissolution of marriage so that this is registered in the Public Registy.

Rikorrenti: 15, Triq is-Siegħ, is-Swieqi, SWQ 2401.

Intimati: kuraturi deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u sejjaħ b' dan lil kull min irid jidhol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f' dan ir-Reġistru u jagħmel b' nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidhol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel Kuraturi tal-Uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dana, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), hawn fuq imsemmija bix-xhieda ta' Onor Imħallef Miriam Hayman, LL.D. Duttur tal-Ligi.

Illum, 23 ta' April, 2025.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja), illum, 2 ta' Mejju 2025.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali.

Applicant: 15, Triq is-Siegħ, Swieqi, SWQ 2401.

Notification : deputy curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of Curators of Office.

And after so acting or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court (Family Section), above mentioned, with the witness of the Hon. Madam Justice Miriam Hayman LLD, Doctor of Laws.

Today, 23rd April, 2025.

Registry of the Civil Court (Family Section), today, 2nd May, 2025.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals.

1141

Permezz ta' digriet mogħti fil-15 ta' April, 2025, mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fl-atti tal-ittra ta' medjazzjoni numru 254/2025 fl-ismijiet Charis Mallia vs Simone Bottoni, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Simone Bottoni a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizżazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Charis Mallia (KI 316987M) vs Simone Bottoni (KI 0145478A) fl-atti tal-ittra ta' medjazzjoni numru 254/2025 ippreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fis-26 ta' Frar, 2025, ir-rikorrenti Charis Mallia talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tawtorizza lill-esponenti sabiex tiffirma waħedha d-dokumenti hawn annessi u mmarkati Dok B1 - B4;

2. Tordna lill-intimataw sabiex iħallas sehmu tal-ammont dovut lill-iskola hekk ikif imsemmi f'Dok B4 ossija l-ammont ta' €100.

Esponenti: No 4, Fairview Court, Sir Joseph Carbone Street, San Ġiljan.

By means of a decree of the 15th April, 2025 of the Civil Court (Family Section), in the records of the Letter of Mediation in the names Charis Mallia vs Simone Bottoni, Letter of Mediation Number 254/2025, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Simone Bottoni in terms of Article 187(3) et seq of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap 12).

By means of an Application in the records of the Letter of Mediation Number 254/2025 in the names Charis Mallia (ID 316987M) vs Simone Bottoni (ID 0145478A), filed in the Civil Court (Family Section), on the 26th February, 2025, the applicant Charis Mallia requested this Honourable Court to:

1. Authorise the applicahnt to sign alone the documents attached and marked as Dok B1 - B4;

2. Order the respondent to pay his share of the amount due to the school,as stated in Dok B4 namely the sum of €100.

Applicant No 4, Fairview Court, Sir Joseph Carbone Street, Saint Julians.

Notifika: Simone Bottoni, Il Corsaro, Congreve Street, Wied iz-Zurrieq, il-Qrendi.

Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) – Onor Imħallef Antonio G Vella LLD.

Ittra Nru 254/2025

Il-Qorti,
Rat ir-rikors;

Tordna n-notifika lill-kontroparti b'għaxart (10) ijiem utili għar-risposta.

Illum, 28 ta' Frar, 2025.

Reġistru tal-Qrati Ċivili (Sezzjoni Familja), illum 2 ta' Mejju, 2025.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Notification: Simone Bottoni, Il Corsaro, Congreve Street, Wied iz-Zurrieq, il-Qrendi.

Civil Court (Family Section) – Honourable Mr Justice Antonio G Vella LLD.

Letter No 254/2025

The Court,
Having seen the application;

Orders the notification to the couterparty with ten (10) days within which to submit a reply.

Today, 28th February, 2025.

Registry of the Civil Courts (Family Section), today, 2nd May 2025.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1142

Permezz ta' digriet mogħti fis-7 ta' Frar, 2025, mill-Qorti Ċivili Prim'Awla, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 4696/2024, fl-ismijiet Michael Mercieca et vs Gauci Properties Company Limited, ordnat is-segwenti publikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Gauci Properties Company Limited a tenur ta' l-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Illum, 11 ta' Ottubru, 2024

Lil Gauci Properties Company Limited (C18663) a' 16 Garnmischville, Triq Dom Mawru Inguanez, Birkirkara.

Permezz tal-preżenti, Michael Mercieca (KI 763661M) u Lilian Mercieca (KI 50962M) ta' 97 Bravos, P/H 8, Triq l-Akwedott, Fleur De Lys, Birkirkara jagħmlu referenza għas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili datat 3 ta'April, 2023 deċiża mill-Onor Imħallef Dr Francesco Depasquale bin-numru 856/2018FDP illum res judicata stante li ma kienx hemm appell.

Illi ssir referenza għad-decide tal-istess sentenza fejn intom bħala socjetà intimata gejtu ordnati tagħmlu x-xogħolijiet neċessarji fi zmien tlett (3) xhur, taħt is-sorveljanza tal-Perit Charles Buhagiar sabiex jitneħħew il-pajpiet u katusi u dawk il-vjolazzjonijiet tal-pusess paċifiku u fin-nuqqas tagħkom ordnat lir-rikorrenti qua mittenti sabiex jwettqu huma x-xogħlijiet rimedjali kif stabbiliti fis-sentenza u dan a spejjeż tagħkom is-socjetà konvenuta Gauci Properties Company Limited.

By means of a decree of the 7th February, 2025, of the Civil Court First Hall in the records of judicial letter number 4696/2024, in the names Michael Mercieca et vs Gauci Properties Company Limited, the following publication for the purpose of service on the respondent company Gauci Properties Company Limited was ordered in terms of Article 187 (3) et sequitur of Chapter 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today, 11th October, 2024

To Gauci Properties Company Limited (C18663) of 16, Garnmischville, Triq Dom Mawro Inguanez, Birkirkara.

By means of the present Michael Mercieca (ID 763661M) and Lilian Mercieca (ID 50962M) of 92, Bravos, P/H 8, Triq l-Akwedott, Fleur De Lys, Birkirkara refer to the judgment of the First Hall Civil Court dated 3rd April, 2023 decided by the Hon. Judge Dr Francesco Depasquale with number 856/2018FDP and which today is final since there was no appeal.

Reference is made to the decision in the same judgement whereby you as respondent company were ordered to carry out the necessary works within three (3) months, under the supervision of Architect Charles Buhagiar in order to remove the pipes and drain pipes and those breaches of the peaceful possession and if you fail so to do, the Court authorised the applicant to carry out the remedial works as established in the judgment and this at your expense the defendant company Gauci Properties Company Limited.

Illi minkejja li ġejtu interpellati diversi drabi sabiex twettqu x-xogħolijiet rimedjali intom bqajtu inadempjenti u għalhekk stante li għadda zmien mogħti lilkom li twettqu x-xogħolijiet rimedjali l-mittenti ma' kellhom ebda għażla oħra għajr li jwettaq x-xogħolijiet rimedjali huma taħt is-sorveljanza tal-Perit Charles Buhagiar a spejjeż tagħkom.

Illi għalhekk bil-preżenti qegħdin jinterpellawk tħallas is-somma globali ta' €1,239.84 rappreżentanti s-somma ta' €1086.75 skont it-Taxxa Uffiċjali tad-drittijiet u spejjeż ta' Rikors Guramentat Numru 856/18FDP fl-ismijiet Michael Mercieca et vs Gauci Properties Company Ltd et hawn annessa u mmarkata Dok A oltre t-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) fl-ammont ta' €153.09.

Illi l-mittenti ħallsu proviżorjament ix-xogħlijiet rimedjali li kellhom isiru mis-socjetà intimata iżda naqsu li jagħmluhom mingħajr raġuni valida fil-liġi, liema xogħlijiet ammontaw għas-somma globali ta' €2,742 rappreżentanti s-somma ta' €2,242 skont il-fattura hawn annessa u mmarkat Dok B flimkien mas-somma ta' €500 skont il-fattura hawn annessa u mmarkat Dok B1.

Illi l-mittenti ħallsu proviżorjament ix-xogħol li sar mill-Perit Charles Buhagiar sussegwentement għas-sentenza fuq ċitata sabiex fuq is-sorveljanza tiegħu saru x-xogħlijiet li kellhom isiru minnkom izda inqastu li tagħmlu, liema xogħlijiet ammontaw għas-somma ta' €395.30 skont il-fatturi hawn annessi u mmarkati kollettivament Dok C.

Għaldaqstant u in vista ta' dak suespost, il-mittenti qegħdin jinterpellawkom sabiex fi żmien jumejn (2) min-notifika lilek tal-preżenti, tħallas is-somma globali a' €4,377.14 skont it-Taxxa tal-Qorti tal-każ bin-numru 856/2018FDP, spejjeż skont il-fatturi hawn annessi, salv spejjeż ulterjuri jekk ikun il-każ flimkien mal-imgħax bl-ogħla rata skont il-Ligi, dekorribli mid-data ta'notifika lilek ta' din l-ittra uffiċjali sal-pagament effettiv.

Fin-nuqqas ta' ħlas, il-mittenti javżak li ser jittieħdu l-passi ulterjuri kontra tiegħek in eżekuzzjoni tat-titolu eżekuttiv tagħhom mingħajr ebda pre-avviż ieħor.

Din l-intimazzjoni qiegħda ssir għall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Tant sabiex tagħraf tirregola ruħek.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali.

Registru tal-Qrati tal-Superjuri, illum, 2 ta' Mejju, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

Despite the fact that you were solicited several times to carry out the remedial works you remained in default and thus due to the lapse of time given to you the interpellants had no choice but to carry out the remedial works themselves under the supervision of Architect Charles Buhagiar at your expense.

That thus by the present you are solicited to pay the global sum of €1,239.84 representing the sum of €1,086.75 according to the judicial taxed bill of costs in relation to the Sworn application number 856/18FDP in the names Michael Mercieca et VS Gauci Properties Company Ltd et here attached and marked Doc A besides value added tax (VAT) in the amount of €153.09.

That the interpellants paid provisionally the remedial works which had to be carried out by the respondent company but which it failed to do without valid reason at law, which works amounted to the global sum of €2,742 representing the sum of €2,242 according to the invoice here attached and marked Doc B together with the sum of €500 according to the invoice here attached and marked Doc B1.

That the interpellants paid provisionally the work carried out by Architect Charles Buhagiar following the judgment mentioned so that under his supervision the works which had to be carried out by you but which you failed to do, were carried out by them, which works amounted to the sum of €395.30 according to the invoices hereby attached and marked collectively Doc C.

Thus and in view of the above, the interpellants are soliciting you so that within two (2) days from the notification to you of the present, you pay the global sum of €4,377.14 according to the taxed bill of costs of the case number 856/2018FDP, costs according to the invoices hereby attached, saving further costs if the case may be together with interest at the highest rate according to law, to run from the date of notification to you of this judicial letter till the effective payment.

In default of payment, the interpellant warns you that further steps will be taken against you in execution of their executive title without any other prior notice.

This solicitation is being made for all intents and purposes of law.

So much so that you may know how to regulate yourself.

With costs and legal interest.

Registry of the Superior Courts today, 2nd May, 2025.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1143

Permezz ta' digriet mogħti fil-11 ta' April, 2025 mill-Qorti Ċivili Prim'Awla, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 566/2025, fl-ismijiet Michael Cutajar pro et noe vs Salvatore Cutajar, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Salvatore Cutajar a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Illum, 7 ta' Frar, 2025

Lil Salvatore Cutajar ta' 5, VerdeMar Court, Flat 9, Triq il-Bajja tas-Salini, Salina, limiti tan-Naxxar.

Permezz tal-preżenti, Michael Cutajar (KI 610464M) f'ismu proprju u għan-nom ta' oħtu Mary Rose Bristow (KI 135271M) assenti minn Malta; Maryjohn Cutajar (KI 510672M) proprio u bħala direttur ta' S.C. & Company Limited (C6050); Joseph Mary Cutajar (KI 467966M) f'ismu prorpju u għan-nom ta' ommu Leonarda Cutajar (KI 410141M) u Leonard Cutajar (KI 474767M) f'ismu proprju u bħala direttur ta' S.C. & Company Limited (C6050) ukoll għan-nom tas' ommu Leonarda Cutajar (bħala ko-kuratur tagħha flimkien mal-gia imsemmija Joseph Mary Cutajar u l-istess S.C.& Company Limited (C6050) jagħmlu riferenza għall-kawża fl-ismijiet Tum Invest Limited vs S.C. & Company Limited, Rikors Guramentat numru 594/2019GM deciza minn din il-Qorti fit-12 ta' Marzu, 2020.

Annessa ma' din l-ittra bħala dokument A, hemm taxxa tal-ispejjeż tal-imsemmija kawża. Dawn huma spejjeż inġenti inkorsi mis-socjetà mittenti li tagħha inti kont direttur, kawżati mill-aġir illegali u abużiv tiegħek meta, wara li inti iffirmajt konvenju fuq bejgħ ta' art is-Swatar, li kien suġġetta għad-dritt ta' estensjoni, irrifjutajt li tattendi għal dan l-att ta' estensjoni, ukoll ipprovajt tirrikatta lix-xerrej sabiex a skapitu tas-socjetà mittenti, inti tieħu benefiċċju monetarju personali u minħabba l-aġir abużiv u frawdolenti tiegħek, inti inkorrejt lis-socjetà mittenti dawn l-ispejjeż inutli, in kwantu din il-kawża u l-ispejjeż inkorsi kienu kollha bla bżonn u saru biss minħabba l-aġir doluż tiegħek.

Għaldaqstant is-socjetà mittenti u l-mittenti l-oħrajn għal kull interess li jista' jkollhom, jinterpellawk sabiex fi żmien sebgħat ijiem mil-lum, inti tħallas is-somma komplessiva ta' €84,826.62 li jinkludu magħhom it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud fuq id-drittijiet tal-avukati u prokuraturi legali.

Fin-nuqqas jittieħdu passi kontra tiegħek. Din l-ittra sservi wkoll sabiex jigi interrot kull terminu ta' preskrizzjoni.

Bl-ispejjeż.

By means of a decree of the 11th April, 2025 of the Civil Court First Hall in the records of judicial letter number 566/2025, in the names Michael Cutajar pro et noe vs Salvatore Cutajar, the following publication for the purpose of service on the respondent Salvatore Cutajar was ordered in terms of Article 187 (3) et sequitur of Chapter 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today, 7th February, 2025

To Salvatore Cutajar of 5 VerdeMar Court, Flat 9, Triq il-Bajja tas-Salini, Salina, limits of Naxxar.

By the present Michael Cutajar (ID 610464M) in his own name and for and behalf of his sister Mary Rose Bristow (ID 135271M) who is absent from Malta, Marjohn Cutajar (ID 510672M) in his own name and as director of S.C. & Company Limited (C6050), Joseph Mary Cutajar (ID 467966M) in his own name and for and on behalf of his mother Leonarda Cutajar (ID 410141M) and Leonard Cutajar (ID 474767M) in his own name and as director of S.C. & Company Limitd (C6050) and also on behalf of his mother Leonarda Cutajar (as her co-curator together with the said Joseph Mary Cutajar) and the same S.C. & Company Limited (C6050) make reference to the case in the names Tum Invest Limited vs S.C. & Company Limited, Sworn Application number 594/2019GM decided by this Court on the 12th March, 2020.

Attached with this letter as document A, there is the taxed bill of costs of the said cause. These are significant expenses incurred by the interpellant company of which you were a director, caused by your illegal and abusive behaviour when, after you signed a preliminary agreement on the sale of land in Swatar, which was subject to the right of extension, you refused to appear on the agreement of extension, also you also sought to blackmail the buyer so that at the expense of the interpellant company, you gain personal monetary benefit and as a result of your abusive and fraudulent behaviour, you have caused the interpellant company to incur these usless costs, since these proceedings and the related costs were all unnecessary and have resulted solely because of your actions.

Thus, the interpellant company and the other interpellants for any interest they may have, call upon you so that within seven days from today you pay the total sum of €84,826.62 which includes the value added tax on the fees of lawyers and legal procurators.

In default, steps will be taken against you. That letter also serves to interrupt any prescriptive period.

With costs.

Reġistru tal-Qrati tal-Superjuri, illum, 2 ta' Mejju, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Superior Courts today, 2nd May, 2025.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1144

Permezz ta' digriet mogħti fis-17 ta' Marzu, 2025 mill-Qorti Ċivili Prim'Awla, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 546/2025, fl-ismijiet Carmen sive Melina Borg vs Maria Theresa sive Marthese Falzon, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Maria Theresa sive Marthese Falzon a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Illum, 6 ta' Frar, 2025

Lil Maria Theresa sive Marthese Falzon (ID: 321760M),

9, Pjazza Repubblika, iż-Żurrieq.

Permezz tal-preżenti att ġudizzjarju Carmen sive Melina Borg (ID: 27262M) ta' 114, Mater Alba, Triq il-Pont, il-Mellieħa, filwaqt li tirreferik għal propjetajiet immobbli kollha li tagħhom intom kompropjetarji qiegħda għal darb'oħra tinfurmak illi hija tixtieq tipprevalixxi ruħha mid-dritt tagħha li titlob diviżjoni skond il-Liġi.

Minkejja li jeżisti qafas maqbul dwar il-modalitajiet ta' dina d-diviżjoni, b'abbozz ta' kuntratt lest min-Nutar maqbul bejn il-propjetajiet, l-eżekuzzjoni xorta waħda baqgħet ma seħħietx u dan għal numru ta' raġunijiet mhux attribwibbli lil mittenti.

Għaldaqstant qiegħda tiġi interpellata sabiex fi żmien ġimgħa mid-data tan-notifika ta' dan l-att ġudizzjarju tersaq għal pubblikazzjoni tal-att ta' diviżjoni maqbul bejn il-partijiet.

F'każ li dan ma jsirx entro t-terminu konċess ser jinbdew kontra tiegħek proċeduri ġudizzarju għad-diviżjoni tal-assi miżmuma in kompropjetà.

Huwa fl-interess tiegħek li tagħmel dak mitlub sabiex tevita spejjeż kbar bla bżonn.

Din l-ittra uffiċjali qiegħda ssir għal finijiet u l-effetti kollha tal-Ligi.

Tant sabiex tagħraf timxi u tirregola ruħek.

By means of a decree of the 17th March, 2025 of the Civil Court First Hall in the records of judicial letter number 546/2025, in the names Carmen sive Melina Borg vs Maria Theresa sive Marthese Falzon, the following publication for the purpose of service on the respondent Maria Theresa sive Marthese Falzon was ordered in terms of Article 187 (3) et sequitur of Chapter 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today, 6th February, 2025

To Maria Theresa sive Marthese Falzon (ID: 321760M),

9, Pjazza Repubblika, Żurrieq.

By means of the present Carmen sive Melina Borg (ID: 27262M) of 114, Mater Alba, Triq il-Pont, Mellieħa, whilst referring to all the immovable properties of which you are the co-owners informs you once again that she wishes to avail herself of her right to request a division according to Law.

Although an agreed framework exists on the modalities of this division, with a draft contract completed by the Notary agreed between the properties, the execution still did not take place and this for a number of reasons not attributable to the interpellant.

You are therefore being solicited so that within one week from the date of service of this judicial act you come forward to the publication of the deed of partition agreed between the parties.

If this is not done within the time allowed, judicial proceedings will be instituted against you for the division of the assets held in co-ownership.

It is in your interest to do what is here being requested of you to avoid unnecessary significant costs.

This judicial letter is being filed for all intents and purposes of law.

So much so that you may know how to proceed and regulate yourself.

Reġistru tal-Qrati tal-Superjuri, illum, 2 ta' Mejju, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Superior Courts today, 2nd May, 2025.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1145

Permezz ta' digriet mogħti fl-14 ta' April, 2025, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 1208/2025, fl-ismijiet John Chetcuti vs James Edward Turner, il-Bord li Jirregola l-Kera ordna s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat James Edward Turner a tenur tal-artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap 12.

Fil-Bord li Jirregola l-Kera

Illum, 17 ta' Marzu, 2025

Lil: James Edward Turner (K.I. 0196594A)
116, P/H 5, 'Mantura Crt'
Triq Ħal-Dgħejf,
in-Naxxar

Bil-preżenti ittra uffiċjali John Chetcuti, detentur tal-karta tal-identità bin-numru 0584362M ta' 'Tides Buildings' 12, Triq l-Isturjun, il-Qawra jinterpellak sabiex fi żmien ħmistax-il (15) jum min notifika ta' din l-ittra uffiċjali, tħallas is-somma ta' ħamest elef sitt mija tnejn u sebgħin Ewro punt wieħed u tletin ċenteżmi (€5,672.31), oltre imghaxijiet, rappreżentanti kera mill-14 ta' Diċembru, 2024 sal-14 ta' April, 2025 li tammonta għas-somma ta' ħamest elef u erba' mitt Ewro (€5,400.00) kif ukoll żewġ (2) kontijiet tad-dawl u ilma datati l-1 ta' Jannar, 2025 u 5 ta' Marzu, 2025 li jammontaw għal mitejn tnejn u sebgħin Ewro punt wieħed u tletin ċenteżmi (€272.31) dovuti fuq il-penthouse numru 5 ġewwa l-blokka ta' appartamenti bl-isem 'Mantura', Triq Ħal-Dgħejf, in-Naxxar, u dan skond il-kuntratt tal-kera datat l-14 ta' Lulju, 2018.

Fin-nuqqas li tagħmel dan il-ħlas, il-mittenti jikkunsidra li l-kirja ai termini tal-kuntratt tal-kera hija minnufih itterminata u konsegwentement ikollok tivvaka l-imsemmi fond u tħallas id-danni skond il-liġi.

Din l-ittra uffiċjali qiegħda ukoll ssir ai termini tal-Artikolu 1570 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Tant biex tagħraf timxi u tirregola ruħek.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet skond il-liġi.

Registru tal-Qrati Superjuri, illum, 2 ta' Mejju, 2025.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given on the 14th April, 2025, in the records of the judicial letter number 1208/2025, in the names John Chetcuti vs James Edward Turner, the Rent Regulation Board ordered the following publication in terms of Article 187(3) et sequitur of Chapter 12 for the purpose of effecting service on the respondent James Edward Turner.

In the Rent Regulation Board

Today, 17th March, 2025

To: James Edward Turner (K.I. 0196594A)
116, P/H 5, 'Mantura Crt'
Triq Ħal-Dgħejf,
Naxxar

By means of this judicial letter, John Chetcuti, holder of identity card number 0584362M, residing at 'Tides Buildings,' 12, Triq l-Isturjun, Qawra, formally demands that within fifteen (15) days from the notification of this letter, you pay the sum of five thousand six hundred seventy-two Euro and thirty-one cents (€5,672.31), with additional interest, representing rent due from the 14th of December, 2024 to the 14th of April, 2025, amounting to the sum of five thousand four hundred Euro (€5,400.00), as well as two (2) electricity and water bills dated the 1st of January 2025 and the 5th of March, 2025, amounting to two hundred seventy-two Euro and thirty-one cents (€272.31), due for the penthouse number 5 within the apartment block named 'Mantura,' located in Triq Ħal-Dgħejf, Naxxar, in accordance with the lease agreement dated the 14th of July, 2018.

Failure to make this payment will result in the landlord considering the lease agreement to be immediately terminated in accordance with its terms, and consequently, you will be required to vacate the premises and pay damages as provided by law.

This judicial letter is also being issued in accordance with Article 1570 Chapter 16 of the Laws of Malta.

You are hereby requested to take note and act accordingly.

With costs and interest as provided by law.

Registry of the Superior Courts today, 2nd April, 2025.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1146

ARB/C053/2021 – VARJAZZJONI TAL-ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fil-25 ta' April, 2025, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (il-Maġistrat Dott. Donatella M. Frendo Dimech, LLD). Kumpilazzjoni Numru 371/2021, fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

REDENT ZAMMIT;

MARCIA YVETTE ZAMMIT;

CHANTELLE ZAMMIT, taħdem fl-operat, ta' 26 sena, bint Redent Zammit u Marcia Yvette Zammit xebba Cassar, imwielda Tal-Pietà, Malta, fl-20 ta' Lulju, 1998, residenti f'169, St Mary, Triq il-Merħba, Il-Fgura, u detentriċi ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 262798M.

ANDREW ZAMMIT;

U

MARY ROSE PISCOPO;

Il-Qorti AWTORIZZAT lill-imputata CHANTELLE ZAMMIT sabiex tħallas għat-tiġdid tal-polza tal-assigurazzjoni bir-referenza numru AA214 0488962 miżmuma minn GasanMamo Insurance Limited, u l-liċenzja tat-triq tal-istess vettura, mill-kont tal-bank intestat f'isem l-imputata li jispiċċa -4998 u miżmum mal-Bank of Valletta plc.

Din il-varjazzjoni qed issir ai termini tal-Artikolu 5 (3) tal-Att kontra Money Laundering, Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta u Artikolu 36 (4) tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta, wara digriet ta' ordni ta' qbid u ffriżar mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Donatella Frendo Dimech, LLD), fil-15 ta' Lulju, 2021, li ġiet ippublikata fil-Gazzetta tal-Gvern fl-20 ta' Lulju, 2021, fejn il-Qorti ordnat iż-żamma u s-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, tal-flejjes u l-proprjetà mobbli jew immobbli kollha li huma dovuti lil, jew imissu lil, jew li huma proprjetà ta' Redent Zammit, Marcia Yvette Zammit, CHANTELLE ZAMMIT, Andrew Zammit u Mary Rose Piscopo.

Illum 5 ta' Mejju, 2025

IS-SA EUNICE GRECH FIORINI
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

ARB/C053/2021 – VARIATION OF SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 25th April, 2025, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Judicature (Magistrate Dr Donatella M. Frendo Dimech, LLD). Compilation Number 371/2021, in the case:

The Republic of Malta

Versus

REDENT ZAMMIT;

MARCIA YVETTE ZAMMIT;

CHANTELLE ZAMMIT, works in operations, 26 years, daughter of Redent Zammit and Marcia Yvette Zammit née Cassar, born in Tal-Pietà, Malta, on the 20th July, 1998, residing at 169, St. Mary, Triq il-Merħba, Fgura, and holder of Maltese identity card bearing number 262798M.

ANDREW ZAMMIT;

AND

MARY ROSE PISCOPO;

The Court AUTHORISED the accused CHANTELLE ZAMMIT to pay for the renewal of the insurance policy with reference number AA214 0488962 held by GasanMamo Insurance Limited, and the road license for the same vehicle, from the bank account registered in the name of the accused ending in -4998 and held at the Bank of Valletta plc.

This variation is being published in terms of Section 5 (3) of the Prevention of Money Laundering Act, Cap. 373 of the Laws of Malta and Article 36 (4) of the Proceeds of Crime Act, Cap. 621 of the Laws of Malta, following a seizing and freezing order which decree was given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Donatella Frendo Dimech, LLD) on the 15th July, 2021, which was published in the Government Gazette on the 20th July, 2021, where the court ordered the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable or immovable property due or pertaining or belonging to Redent Zammit, Marcia Yvette Zammit, CHANTELLE ZAMMIT, Andrew Zammit and Mary Rose Piscopo.

Today 5th May, 2025

MS EUNICE GRECH FIORINI
Director, Asset Recovery Bureau

1147

ARB/C092/2021 – VARJAZZJONI TAL-ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fid-29 ta' April, 2025, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Gabriella Vella, LLD). Kumpilazzjoni Numru 749/2021, fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

HESHAM ZAYED, jaħdem għal rasu, ta' 48 sena, iben il-mejjet Ibrahim Zayed u Latifa Addali, imwieled il-Libja, fit-30 ta' Settembru, 1976, residenti f'25, Triq Ġużè Bajada, Il-Ħamrun, u dententur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 0282613L.

ESSAM A MOHAMED EDERNAWI, jaħdem għal rasu, ta' 51 sena, iben ġenituri mhux magħrufa, imwieled il-Libja, 19 ta' Awwissu, 1973, residenti f'Urban Front, Flat 2, Triq it-Tiben, Is-Swieqi u dententur ta' karti tal-identità Maltin bin-numri 0135117A u 0057194A.

P.H.F. LIMITED, inkorporata fil-15 ta' Ottubru, 2012, bin-numru tar-reġistrazzjoni Malti C57656 u li għandha l-indirizz irreġistrat bħala 66, Triq Paceville, San Ġiljan.

U.G.T. COMPANY LIMITED, inkorporata fis-16 ta' Diċembru, 2014, bin-numru tar-reġistrazzjoni Malti C67966 u li għandha l-indirizz irreġistrat bħala 66, Triq Paceville, San Ġiljan.

EXPRESS ROUTE COMPANY LIMITED, inkorporata fit-22 ta' Awwissu, 2013, bin-numru tar-reġistrazzjoni Malti C61652 u li għandha l-indirizz irreġistrat bħala 'Redeemer' Blk B, Flat 2, Triq il-Barklor, Ħal Għaxaq.

HZ MEDICAL EQUIPMENT AND HEALTH SERVICES COMPANY LIMITED, inkorporata fit-30 ta' Jannar, 2015, bin-numru tar-reġistrazzjoni Malti C68826 u li għandha l-indirizz irreġistrat bħala 66, Triq Paceville, San Ġiljan.

U

H&H INVESTMENTS LIMITED, inkorporata fit-13 ta' Jannar, 2017 bin-numru tar-reġistrazzjoni Malti C75426 u li għandha l-indirizz irreġistrat bħala 66, Triq Paceville, San Ġiljan

Il-Qorti ORDNAT illi l-ordni ta' qbid u ffriżar maħruġa fis-27 ta' Novembru, 2021, fil-konfront tal-imputati HESHAM ZAYED, ESSAM A MOHAMED EDERNAWI,

ARB/C092/2021 – VARIATION OF SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 29th April, 2025, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Gabriella Vella, LLD). Compilation Number 749/2021, in the case:

The Republic of Malta

Versus

HESHAM ZAYED, self-employed, 48 years, son of the late Ibrahim Zayed and Latifa Addali, born in Libya, on the 30th September, 1976, residing at 25, Triq Ġużè Bajada, Ħamrun, and holder of Maltese identity card bearing number 0282613L.

ESSAM A MOHAMED EDERNAWI, self-employed, 51 years, son of unknown parents, born in Libya, on the 19th August, 1973, residing at Urban Front, Flat 2, Triq it-Tiben, Swieqi and holder of Maltese identity cards bearing number 0135117A and 0057194A.

P.H.F. LIMITED, incorporated on the 15th October, 2012, with Maltese registration number C57656 and registered address at 66, Triq Paceville, St Julian's.

U.G.T. COMPANY LIMITED, incorporated on the 16th December, 2014, with Maltese registration number C67966 and registered address at 66, Triq Paceville, St Julian's.

EXPRESS ROUTE COMPANY LIMITED, incorporated on the 22nd August, 2013, with Maltese registration number C61652 and registered address at 'Redeemer' Blk B, Flat 2, Triq il-Barklor, Ħal Għaxaq.

HZ MEDICAL EQUIPMENT AND HEALTH SERVICES COMPANY LIMITED, incorporated on the 30th January, 2015, with Maltese registration number C68826 and registered address at 66, Triq Paceville, St Julian's.

AND

H&H INVESTMENTS LIMITED, incorporated on the 13th January, 2017 with Maltese registration number C75426 and registered address at 66, Triq Paceville, St Julian's.

The Court ORDERED that the seizing and freezing order issued on 27th November, 2021, against the accused HESHAM ZAYED, ESSAM A MOHAMED EDERNAWI,

P.H.F. LIMITED, U.G.T. COMPANY LIMITED, EXPRESS ROUTE COMPANY LIMITED, HZ MEDICAL EQUIPMENT AND HEALTH SERVICES COMPANY LIMITED, u H&H INVESTMENTS LIMITED qed tiġi limitata għal proprjetà tal-valur ta':

Mija u sitta u disgħin miljun, tmien mija u għoxrin elf, sitt mija u tlieta u tmenin ewro u tmenin ċenteżmu (€196,820,683.80) jew assi ta' valur ekwivalenti fir-rigward tal-imputat HESHAM ZAYED;

Mija u sitta u disgħin miljun, tmien mija u għoxrin elf, sitt mija u tlieta u tmenin ewro u tmenin ċenteżmu (€196,820,683.80) jew assi ta' valur ekwivalenti fir-rigward tal-imputat ESSAM A MOHAMED EDERNAWI;

Disa' miljuni, sitt mija u elfejn, seba' mija u ħamsa u għoxrin ewro u tlettax-il ċenteżmu (€9,602,725.13) jew assi ta' valur ekwivalenti fir-rigward tas-soċjetà P.H.F. LIMITED;

Tnejn u tletin miljun, mija u tlieta u sittin elf, mitejn u sittin ewro u wieħed u erbgħin ċenteżmu (€32,163,260.41) jew assi ta' valur ekwivalenti fir-rigward tas-soċjetà U.G.T. COMPANY LIMITED;

Miljun, erbgħa u tmenin elf, tliet mija u tnejn u erbgħin ewro u tnejn u disgħin ċenteżmu (€1,084,342.92) jew assi ta' valur ekwivalenti fir-rigward tas-soċjetà EXPRESS ROUTE COMPANY LIMITED;

Erba' miljuni, mija u erbatax-il elf, u dsatax-il ewro u tliet ċenteżmi (€4,114,019.03) jew assi ta' valur ekwivalenti fir-rigward tas-soċjetà HZ MEDICAL EQUIPMENT AND HEALTH SERVICES COMPANY LIMITED;

Miljun, mija u ħamsa u sebgħin elf, u sitt mitt ewro (€1,175,600.00) jew assi ta' valur ekwivalenti fir-rigward tas-soċjetà H&H INVESTMENTS LIMITED,

bħala l-assi li għandhom ikunu suġġetti għall-konfiska fil-każ ta' sejbien ta' ħtija. B'dan illi l-proprjetà l-oħra tal-imputati ma għandhiex titqies bħala li tkun suġġetta għall-ordni ta' qbid u ffriżar.

Din il-varjazzjoni qed issir ai termini tal-Artikolu 36 (4)(a) tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta, wara digriet ta' ordni ta' qbid u ffriżar mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Natasha Galea Sciberras, LLD) fis-27 ta' Novembru, 2021, li ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fis-7 ta' Diċembru, 2021, fejn il-Qorti ordnat iż-żamma u s-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod

P.H.F. LIMITED, U.G.T. COMPANY LIMITED, EXPRESS ROUTE COMPANY LIMITED, HZ MEDICAL EQUIPMENT AND HEALTH SERVICES COMPANY LIMITED, and H&H INVESTMENTS LIMITED is being limited to property with a value of:

One hundred and ninety-six million, eight hundred and twenty thousand, six hundred and eighty-three euro and eighty cents (€196,820,683.80) or assets of equivalent value with regards to the accused HESHAM ZAYED;

One hundred and ninety-six million, eight hundred and twenty thousand, six hundred and eighty-three euro and eighty cents (€196,820,683.80) or assets of equivalent value with regards to the accused ESSAM A MOHAMED EDERNAWI;

Nine million, six hundred and two thousand, seven hundred and twenty-five euro and thirteen cents (€9,602,725.13) or assets of equivalent value with regards to the society P.H.F. LIMITED;

Thirty-two million, one hundred and sixty-three thousand, two hundred and sixty euro and forty-one cents (€32,163,260.41) or assets of equivalent value with regards to the society U.G.T. COMPANY LIMITED;

One million, eighty-four thousand, three hundred and forty-two euro and ninety-two cents (€1,084,342.92) or assets of equivalent value with regards to the society EXPRESS ROUTE COMPANY LIMITED;

Four million, one hundred and fourteen thousand, and nineteen euro and three cents (€4,114,019.03) or assets of equivalent value with regards to the society HZ MEDICAL EQUIPMENT AND HEALTH SERVICES COMPANY LIMITED;

One million, one hundred and seventy-five thousand, and six hundred euro (€1,175,600.00) or assets of equivalent value with regards to the society H&H INVESTMENTS LIMITED,

as the assets that shall be subject to confiscation in the case of a conviction. That the other property of the accused shall not be considered as being subject to the seizing and freezing order.

This variation is being published in terms of Article 36 (4)(a) of the Proceeds of Crime Act, Cap. 621 of the Laws of Malta, following a seizing and freezing order which decree was given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Natasha Galea Sciberras, LLD) on the 27th November, 2021, which was published in the Government Gazette on the 7th December, 2021, where the court ordered the attachment in the hands

ġenerali, tal-flejjes u l-proprjetà mobbli jew immobbli kollha li huma dovuti lil, jew imissu lil, jew li huma proprjetà ta' HESHAM ZAYED, ESSAM A MOHAMED EDERNAWI, P.H.F. LIMITED, U.G.T. COMPANY LIMITED, EXPRESS ROUTE COMPANY LIMITED, HZ MEDICAL EQUIPMENT AND HEALTH SERVICES COMPANY LIMITED, u H&H INVESTMENTS LIMITED.

Illum 5 ta' Mejju, 2025

IS-SA EUNICE GRECH FIORINI
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

of third parties in general of all moneys and other movable or immovable property due or pertaining or belonging to HESHAM ZAYED, ESSAM A MOHAMED EDERNAWI, P.H.F. LIMITED, U.G.T. COMPANY LIMITED, EXPRESS ROUTE COMPANY LIMITED, HZ MEDICAL EQUIPMENT AND HEALTH SERVICES COMPANY LIMITED, and H&H INVESTMENTS LIMITED.

Today 5th May, 2025

MS EUNICE GRECH FIORINI
Director, Asset Recovery Bureau

1148

ARB/C060/2024 – VARJAZZJONI TAL-ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fl-14 ta' April, 2025, mill-Qorti Kriminali (l-Onor. Imħallef Dott. Natasha Galea Sciberras, LLD). Fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

CHRISTOPHER FEARNE;

EDWARD SCICLUNA;

RONALD MIZZI;

ALFRED CAMILLERI;

JOSEPH RAPA;

KENNETH DEGUARA;

KEVIN DEGUARA, avukat, ta' 48 sena, iben Joseph Deguara u Isabelle-Maria Deguara xebba Sciberras, imwieled Ħ'Attard, Malta fil-15 ta' Diċembru, 1976, u residenti ġewwa 122, Triq Ant. Schembri, San Ġwann u detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 97877M.

JEAN CARL FARRUGIA, avukat, ta' 49 sena, iben il-mejjet Carmel Farrugia u Maria Therese Farrugia xebba Cutajar, imwieled Ħ'Attard, Malta fit-8 ta' April, 1976, u residenti f'168, Triq Santa Margerita, Is-Siġġiewi, u detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 244176M.

DEBORAH ANNE CHAPPELL;

BRADLEY GATT;

ARON MIFSUD BONNICI;

ARB/C060/2024 – VARIATION OF A SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 14th April, 2025, given by the Criminal Court (the Hon. Madam Natasha Galea Sciberras, LLD). In the case:

The Republic of Malta

Versus

CHRISTOPHER FEARNE;

EDWARD SCICLUNA;

RONALD MIZZI;

ALFRED CAMILLERI;

JOSEPH RAPA;

KENNETH DEGUARA;

KEVIN DEGUARA, lawyer, 48 years, son of Joseph Deguara and Isabelle-Maria Deguara née Sciberras, born in Attard, Malta on the 15th December, 1976, and residing at 122, Triq Ant. Schembri, San Ġwann and holder of a Maltese identity card bearing number 97877M.

JEAN CARL FARRUGIA, lawyer, 49 years, son of the late Carmel Farrugia and Maria Therese Farrugia née Cutajar, born in Attard, Malta on the 8th April, 1976, and residing at 168, Triq Santa Margerita, Siġġiewi, and holder of Maltese identity card bearing number 244176M.

DEBORAH ANNE CHAPPELL;

BRADLEY GATT;

ARON MIFSUD BONNICI;

JAMES CAMENZULI;

MANUEL (EMMANUEL) CASTAGNA;

ROBERT BORG;

OMISSIS;

U

DF ADVOCATES;

Il-Qorti AWTORIZZAT lill-imputati KEVIN DEGUARA u JEAN CARL FARRUGIA sabiex jesegwixxu pagament fl-ammont ta' €39,044.06 rappreżentanti s-somma dovuta lil terza persuna mill-kont tal-bank intestat f'isem l-imputati li jispiċċa -3768 u li huwa miżmum mal-Bank of Valletta plc, għall-kont tal-bank tat-terza persuna, hekk kif imsemmi fid-digriet iddatat 14 ta' April, 2025.

Din il-varjazzjoni qed issir ai termini tal-Artikolu 36 (5) tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta, wara digriet ta' ordni ta' qbid u ffriżar u ordni ta' qbid u ffriżar temporanja mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Leonard Caruana, LLD), fl-24 ta' Lulju, 2024, li ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fid-9 ta' Awwissu, 2024, fejn il-Qorti ordnat iż-żamma u s-sekwestru u ż-żamma u s-sekwestru temporanju f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, tal-flejjes u l-proprjetà mobbli jew immobbli kollha li huma dovuti lil, jew imissu lil, jew li huma proprjetà ta' Kenneth Deguara, KEVIN DEGUARA, JEAN CARL FARRUGIA, Deborah Anne Chappell, u DF Advocates.

Illum 5 ta' Mejju, 2025

IS-SA EUNICE GRECH FIORINI
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

JAMES CAMENZULI;

MANUEL (EMMANUEL) CASTAGNA;

ROBERT BORG;

OMISSIS;

AND

DF ADVOCATES;

The Court AUTHORISED the accused KEVIN DEGUARA and JEAN CARL FARRUGIA to carry out payment in the amount of €39,044.06 representing the sum owed to a third party from the bank account registered in the name of the accused ending in -3768 and which is held at the Bank of Valletta plc, into the bank account of the third party, as mentioned in the decree dated 14th April, 2025.

This variation is being published in terms of Article 36 (5) of the Proceeds of Crime Act, Cap. 621 of the Laws of Malta, following a seizing and freezing order and a temporary seizing and freezing order which decree was given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Leonard Caruana, LLD) on the 24th July, 2024, which was published in the Government Gazette on the 9th August, 2024, where the court ordered the attachment and the temporary attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable or immovable property due or pertaining or belonging to Kenneth Deguara, KEVIN DEGUARA, JEAN CARL FARRUGIA, Deborah Anne Chappell, and DF Advocates.

Today 5th May, 2025

MS EUNICE GRECH FIORINI
Director, Asset Recovery Bureau

1149

ARB/C017/2025 – VARJAZZJONI TAL-ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fil-15 ta' April, 2025, mill-Qorti Kriminali (l-Onor. Imħallef Dott. Edwina Grima, LLD). Fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

KEITH SCHEMBRI;

KONRAD MIZZI;

ARB/C017/2025 – VARIATION OF A SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 15th April, 2025, given by the Criminal Court (the Hon. Madam Justice Dr Edwina Grima, LLD). In the case:

The Republic of Malta

Versus

KEITH SCHEMBRI;

KONRAD MIZZI;

KARL CINI;

BRIAN TONNA;

YORGEN FENECH, negozjant, ta' 43 sena, iben il-mejjet George Fenech u Patricia Fenech xebba Camilleri, imwieled Tal-Pietà, Malta, fit-23 ta' Novembru, 1981, residenti fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin, Triq il-Belt Valletta, Paola, u/jew Portomaso 2592, Vjal Portomaso, San Ġiljan, u detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 36482M.

PAUL APAP BOLOGNA;

MARIO PULLICINO;

NEXIA BT LIMITED;

BTI MANAGEMENT LIMITED;

NEW ENERGY SUPPLY LIMITED;

U

OEGP LIMITED;

Il-Qorti AWTORIZZAT lill-imputat YORGEN FENECH sabiex iħallas lis-soċjetà Firefly Services Limited fl-ammont ta' €1,875.28 għat-tiġdid tal-polza tal-assigurazzjoni tal-vettura rreġistrata f'isem l-imputat, hekk kif imsemmi fid-digriet iddatat 15 ta' April, 2025. Illi dan il-ħlas għandu jsir bi flus kontanti ta' terza persuna.

Din il-varjazzjoni qed issir ai termini tal-Artikolu 36 (5) tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta, wara digriet ta' ordni ta' qbid u ffriżar mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Rachel Montebello, LLD), fl-5 ta' Frar, 2025, li ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fl-14 ta' Frar, 2025, fejn il-Qorti ordnat iż-żamma u s-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, tal-flejjes u l-proprjetà mobbli jew immobbli kollha li huma dovuti lil, jew imissu lil, jew li huma proprjetà ta' Keith Schembri, Konrad Mizzi, Karl Cini, Brian Tonna, YORGEN FENECH, Paul Apap Bologna, Mario Pullicino, Nexia BT Limited, BTI Management Limited, New Energy Supply Limited, u OEGP Limited.

Illum 5 ta' Mejju, 2025

IS-SA EUNICE GRECH FIORINI
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

KARL CINI;

BRIAN TONNA;

YORGEN FENECH, businessman, 43 years, son of the late George Fenech and Patricia Fenech née Camilleri, born in Tal-Pietà, Malta, on the 23rd November, 1981, residing at Corradino Correctional Facility, Triq il-Belt Valletta, Paola, and/or Portomaso 2592, Vjal Portomaso, St Julian's, and holder of a Maltese identity card bearing number 36482M.

PAUL APAP BOLOGNA;

MARIO PULLICINO;

NEXIA BT LIMITED;

BTI MANAGEMENT LIMITED;

NEW ENERGY SUPPLY LIMITED;

AND

OEGP LIMITED;

The Court AUTHORISES the accused YORGEN FENECH to pay the society Firefly Services Limited in the amount of €1,875.28 for the renewal of the insurance policy of the vehicle registered in the name of the accused, as mentioned in the decree dated 15th April, 2025. That this payment shall be made in cash from the funds of a third party.

This variation is being published in terms of Article 36 (5) of the Proceeds of Crime Act, Cap. 621 of the Laws of Malta, following a seizing and freezing order which decree was given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Rachel Montebello, LLD) on the 5th February, 2025, which was published in the Government Gazette on the 14th February, 2025, where the court ordered the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable or immovable property due or pertaining or belonging to Keith Schembri, Konrad Mizzi, Karl Cini, Brian Tonna, YORGEN FENECH, Paul Apap Bologna, Mario Pullicino, Nexia BT Limited, BTI Management Limited, New Energy Supply Limited, and OEGP Limited.

Today 5th May, 2025

MS EUNICE GRECH FIORINI
Director, Asset Recovery Bureau

1150

ARB/C017/2025 – VARJAZZJONI TAL-ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR

ARB/C017/2025 – VARIATION OF A SEIZING AND FREEZING ORDER

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fit-28 ta' April, 2025, mill-Qorti Kriminali (l-Onor. Imħallef Dott. Edwina Grima, LLD). Fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

KEITH SCHEMBRI;

KONRAD MIZZI;

KARL CINI;

BRIAN TONNA;

YORGEN FENECH;

PAUL APAP BOLOGNA;

MARIO PULLICINO, managing director, ta' 60 sena, iben il-mejjet Joseph Pullicino u l-mejta Maria Pullicino xebba Micallef, imwieled Ħ'Attard, Malta, fis-17 ta' Diċembru, 1964, residenti f''Karma', Triq Selmun, Il-Mellieħa, u detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 43065M.

NEXIA BT LIMITED;

BTI MANAGEMENT LIMITED;

NEW ENERGY SUPPLY LIMITED;

U

OEGP LIMITED;

Il-Qorti VARJAT id-digriet mogħti fid-9 ta' April, 2025, fejn minflok il-ħlas fl-ammonti ta' €1,004.00 u €796.81, il-Qorti AWTORIZZAT lill-imputat MARIO PULLICINO iħallas l-ammonti ta' €580.00 u €286.00 għat-tiġdid tal-istess żewġ poloz tal-assigurazzjoni miżmuma minn Central Insurance Brokers Ltd.

Din il-varjazzjoni qed issir ai termini tal-Artikolu 36 (5) tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta, wara digriet ta' ordni ta' qbid u ffriżar mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Rachel Montebello, LLD), fl-5 ta' Frar, 2025, li ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fl-14 ta' Frar, 2025, fejn il-Qorti ordnat iż-żamma u s-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, tal-flejjes u l-proprjetà mobbli jew immobbli kollha li huma dovuti lil, jew imissu lil, jew li huma proprjetà ta' Keith Schembri, Konrad Mizzi, Karl Cini, Brian Tonna, Yorgen Fenech, Paul Apap Bologna,

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 28th April, 2025, given by the Criminal Court (the Hon. Madam Justice Dr Edwina Grima, LLD). In the case:

The Republic of Malta

Versus

KEITH SCHEMBRI;

KONRAD MIZZI;

KARL CINI;

BRIAN TONNA;

YORGEN FENECH;

PAUL APAP BOLOGNA;

MARIO PULLICINO, managing director, 60 years, son of the late Joseph Pullicino and the late Maria Pullicino née Micallef, born in Ħ'Attard, Malta, on the 17th December, 1964, residing at 'Karma', Triq Selmun, Mellieħa, and holder of Maltese identity card bearing number 43065M.

NEXIA BT LIMITED;

BTI MANAGEMENT LIMITED;

NEW ENERGY SUPPLY LIMITED;

AND

OEGP LIMITED;

The Court VARIED the decree dated 9th April, 2025, where instead of payments in the amounts of €1,004.00 and €796.81, the Court AUTHORISES the accused MARIO PULLICINO to pay the amounts of €580.00 and €286.00 for the renewal of the same two insurance policies which are held by Central Insurance Brokers Ltd.

This variation is being published in terms of Article 36 (5) of the Proceeds of Crime Act, Cap. 621 of the Laws of Malta, following a seizing and freezing order which decree was given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Rachel Montebello, LLD) on the 5th February, 2025, which was published in the Government Gazette on the 14th February, 2025, where the court ordered the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable or immovable property due or pertaining or belonging to Keith Schembri, Konrad Mizzi, Karl Cini, Brian Tonna, Yorgen Fenech, Paul Apap Bologna,

MARIO PULLICINO, Nexia BT Limited, BTI Management Limited, New Energy Supply Limited, u OEGP Limited.

Illum 5 ta' Mejju, 2025

IS-SA EUNICE GRECH FIORINI
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

MARIO PULLICINO, Nexia BT Limited, BTI Management Limited, New Energy Supply Limited, and OEGP Limited.

Today 5th May, 2025

MS EUNICE GRECH FIORINI
Director, Asset Recovery Bureau

1151

ARB/C042/2021 – VARJAZZJONI TAL-ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR TEMPORANJA

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fis-16 ta' April, 2025, mill-Qorti Kriminali (l-Onor. Imħallef Dott. Edwina Grima, LLD). Fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

PATRIZIO CASSAR;

U

MARVIN SCHEMBRI, kok, ta' 48 sena, iben il-mejtin Carmelo u Lucy xebba Sciberras, imwieled Tal-Pietà, Malta, fl-20 ta' Settembru, 1976, residenti f'DAF Court, Flat 1, Triq iċ-Ċilì, In-Naxxar, u/jew 80, Fl 5, Triq Sant'Antnin, San Pawl il-Baħar, u detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 516476M.

Il-Qorti AWTORIZZAT lill-imputat MARVIN SCHEMBRI sabiex iħallas għat-tiġdid tal-polza tal-assigurazzjoni miżmuma ma' AIB Insurance Brokers Ltd, flimkien mal-liċenzja tat-triq tal-istess vettura msemmija fid-digriet tal-Qorti datat 16 ta' April, 2025, fl-ammont ta' €756.54. Illi dan il-ħlas għandu jiġi esegwit mill-kont tal-bank intestat f'isem l-imputat li jispiċċa -9050 u li huwa miżmum mal-HSBC Bank Malta plc.

Din il-varjazzjoni qed issir ai termini tal-Artikolu 36 (4) (a) tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta, wara digriet ta' ordni ta' qbid u ffriżar temporanja mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Natasha Galea Sciberras, LLD), fid-9 ta' Ġunju, 2021, li ġiet ippublikata fil-Gazzetta tal-Gvern fil-25 ta' Ġunju, 2021, fejn il-Qorti ordnat iż-żamma u s-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, tal-flejjes u l-proprjetà mobbli jew immobbli kollha li huma dovuti lil, jew imissu lil, jew li huma proprjetà ta' Patrizio Cassar u MARVIN SCHEMBRI.

Illum 5 ta' Mejju, 2025

IS-SA EUNICE GRECH FIORINI
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

ARB/C042/2021 – VARIATION OF A TEMPORARY SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 16th April, 2025, given by the Criminal Court (the Hon. Madam Justice Dr Edwina Grima, LLD). In the case:

The Republic of Malta

Versus

PATRIZIO CASSAR;

AND

MARVIN SCHEMBRI, chef, 48 years, son of the late Carmelo and the late Lucy née Sciberras, born in Tal-Pietà, Malta, on the 20th September, 1976, residing at DAF Court, Flat 1, Trqi iċ-Ċilì, Naxxar, and/or 80, Fl 5, Triq Sant'Antnin, St Paul's Bay, and holder of Maltese identity card bearing number 516476M.

The Court AUTHORISES the accused MARVIN SCHEMBRI to pay for the renewal of the insurance policy held with AIB Insurance Brokers Ltd, together with the road license for the same vehicle listed in the Court decree dated 16th April, 2025, in the amount of €756.54. That this payment shall be carried out from the bank account registered in the name of the accused ending in -9050 and held at the HSBC Bank Malta plc.

This variation is being published in terms of Article 36 (4)(a) of the Proceeds of Crime Act, Cap. 621 of the Laws of Malta, following a temporary seizing and freezing order which decree was given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Natasha Galea Sciberras, LLD) on the 9th June, 2021, which was published in the Government Gazette on the 25th June, 2021, where the court ordered the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable or immovable property due or pertaining or belonging to Patrizio Cassar and MARVIN SCHEMBRI.

Today 5th May, 2025

MS EUNICE GRECH FIORINI
Director, Asset Recovery Bureau

1152

DKR 1/2025 – Interdizzjoni Ġenerali u Perpetwa

Ikun jaf kulħadd illi b'sentenza mogħtija fid-9 ta' April, 2025, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (il-Maġistrat Dott. Simone Grech, LLD), Kumpilazzjoni Numru 44/2019, fil-kawża fl-ismijiet:

Il-Pulizija
(l-Ispettur Doriette Cuschieri)

kontra

Carmel Spiteri, ta' 73 sena, iben Emanuel u Mary Concetta xebba Cauchi, imwieled Bormla, Malta, fit-12 ta' Mejju, 1951, residenti fi Blk C, Flat 3, Wesgħa Mattia Preti, Il-Birgu, Malta, u detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 408851M.

Il-Qorti ordnat l-interdizzjoni ġenerali u perpetwa fil-konfront tal-imsemmi Carmel Spiteri u dan ai termini tal-Artikolu 119 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Din il-pubblikazzjoni qed issir ai termini tal-Artikolu 10(7) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illum 2 ta' Mejju, 2025

Reġistru tal-Qrati ta' Ġurisdizzjoni Kriminali (Malta)

MARVIC PSAILA
Deputat Reġistratur, Qrati u Tribunali Kriminali

DKR 1/2025 – General and Perpetual Interdiction

It is being notified that by judgement dated 9th April, 2025, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Judicature (Magistrate Dr Simone Grech, LLD), Compilation Number 44/2019, in the case in the names:

The Police
(Inspector Doriette Cuschieri)

vs

Carmel Spiteri, 73 years, son of Emanuel and Mary Concetta née Cauchi, born in Cospicua Malta on the 12th May 1951, residing at Blk C, Flat 3, Wesgħa Mattia Preti, Vittoriosa, Malta and holder of Maltese identity card bearing number 408851M.

The Court ordered the general and perpetual interdiction of the said Carmel Spiteri and this in terms of Article 119 of Cap. 9 of the Laws of Malta.

This is being published in terms of Article 10(7) of Cap. 9 of the Laws of Malta.

Today the 2nd of May, 2025

Registry of the Courts of Criminal Judicature (Malta)

MARVIC PSAILA
Deputy Registrar, Criminal Courts and Tribunals

1153

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fit-13 ta' Settembru, 2011, Rikors numru 677/2011 fejn insegwitu tar-rikors Anthony sive Tonio Vassallo iben il-mejtin Anthony u Claudia née Zammit imwieled Ħ'Attard fid-9 ta' Marzu, 1979, u għandu karta tal-identità numru 167579M, ġie interdett permezz ta' digriet mogħti fit-18 ta' Jannar, 2012, u permezz ta' rikors preżentat fl-10 ta' April, 2024, Rikors numru 325/2024, il-kundizzjonijiet imsemmija fid-digriet tat-18 ta' Jannar, 2012, ġew rikonfermati permezz ta' digriet moghti fl-1 ta' April, 2025, taħt il-kundizzjonijiet hemm imsemmija.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja)

Illum 2 ta' Mejju, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 13th September, 2011, Application number 677/2011,whereby following the application, Anthony sive Tonio Vassallo, son of the late Anthony and Claudia née Zammit, born in Ħ'Attard on the 9th March, 1979, holding identity card number 167579M, was interdicted by means of a decree of the 18th January, 2012, and by means of another application filed on the 10th April, 2024, Application number 325/2024, the conditions mentioned in the decree of the 18th January, 2012, were reconfirmed by means of a decree given on the 1st April, 2025, under all the conditions therein mentioned.

Registry of the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section)

Today 2nd May, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

1154

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fil-5 ta' Frar, 2025, Rikors numru 89/2025, minn Caecilia Agius fejn talbet li tiġi ddikjarata miftuħa favur Caecilia Agius u Brigid Merzheuser ħut d-decujus fi kwoti ndaqs bejniethom is-suċċessjoni ta' Maria Sciberras, xebba, bint il-mejtin Antonio Sciberras u Vittoria née Ganado, imwielda Tal-Pietà Malta, kienet residenti ż-Żurrieq, Malta, u mietet l-Imsida, Malta, fil-21 ta' Mejju, 2024, ta' 88 sena, u li kellha karta tal-identità numru 0234736M.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 2 ta' Mejju, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 5th February, 2025, Application number 89/2025, by Caecilia Agius whereby she requested that it be declared open in favour of Caecilia Agius and Brigid Merzheuser sisters of the decujus in equal shares between them the succession of Maria Sciberras, unmarried, daughter of the late Antonio Sciberras and Vittoria née Ganado, born in Tal-Pietà, Malta, resided in Żurrieq, Malta, and died in Msida, Malta, on the 21st May, 2024, aged 88, and who held identity card number 0234736M.

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Today 2nd May, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

1155

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fil-15 ta' April 2025, Rikors numru 912/2024/1, minn Giovanna sive Joanna Farrugia fejn talbet li tiġi ddikjarata miftuħa favur Giovanna sive Joanna Farrugia oħt id-decujus is-suċċessjoni ta' Marius Farrugia, ġuvni, iben il-mejtin Angelus Farrugia u Joan née Azzopardi, imwieled Ħal Qormi, Malta, kien residenti l-Ħamrun, Malta, u miet il-Ħamrun, Malta, fit-12 ta' Settembru, 2023, ta' 65 sena, u li kellu karta tal-identità numru 0040658M.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 2 ta' Mejju, 2025

